31998R2334

30.10.1998 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 291/15

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2334/98

## tad- 29 t' Ottubru 1998

## li jistipula ċerti miżuri li jidderogaw mir-Regolamenti (KEE) Nru 3665/87, (KEE) Nru 3719/88 u (KE) Nru 1372/95 fir-rigward tal-laħam tat-tjur

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 t'Ottubru 1975 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tat-tjur [1], kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2916/95 [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 8(12) u 15 ta' dan,

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 565/80 [3], kif emendat l-aħħar bir- REGOLAMENT (KEE) Nru 2026/83 [4], jistabilixxi regoli ġenerali dwar ħlas bil-quddiem ta' rifużjoni fuq l-esportazzjoni fir-rigward ta' prodotti agrikoli;

Billi r-Regolament tal-Kummisjoni (KEE) Nru 3665/87 [5], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) No 604/98 [6], jistipula regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjoni fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3719/88 [7], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1044/98 [8], jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzi ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni u attestati ffissati bil-quddiem għal prodotti agrikoli;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1372/95 [9], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1009/98 [10], jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tas-sistema tal-liċenzi ta' l-esportazzjoni fis-settur tat-tjur;

Billi l-problemi li ilhom jipprevalu fir-Russja mit-tieni nofs ta' Awissu 1998 ikkaġunaw dannu serju lill-interessi ekonomiċi ta' l-esportaturi u billi s-sitwazzjoni hekk maħluqa affettwat b'mod żvantaġġjuż il-possibilitajiet ta' esportazzjoni pprovduti fir-Regolamenti (KEE) Nru 565/80, (KEE) No 3665/87 u (KEE) Nru 3719/88;

Billi huwa għaldaqstant meħtieġ li wieħed jillimita konsegwenzi dannużi bħal dawn billi jiġu adottati miżuri speċjali u jiġu estiżi ċerti limiti ta' żmien iffissati fir-Regolamenti applikabbli għar-rifużjonijiet sabiex operazzjonijiet ta' esportazzjoni li ma ġewx kompluti minħabba ċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq ikunu jistgħu jiġu regolarizzati;

Billi dawk l-operaturi biss li jistgħu jipprovaw, b'mod partikolari fuq il-bażi ta' dokumenti msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4045/89 [11], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 3235/94 [12], li l-liċenzi kienu mitluba bil-ħsieb ta' esportazzjoni lejn ir-Russja għandhom jibbenefikaw mid-derogi;

Billi, fid-dawl ta' żviluppi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ minnufih u għandu jkun applikabbli mill-1 t' Awissu 1998;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Bajd u l-Laħam tat-Tjur,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-prodotti elenkati fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2777/75 li għalihom liċenzi ta' esportazzjoni li kienu ħarġu skond ir-Regolament (KE) Nru 1372/95 u li għandhom fil-kaxxa 7 l-indikazzjoni 'Russia' jew pajjiż ieħor fl-istess żona ta' rifużjoni bħar-Russja kif spjegat fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1516/98 [13].

2. Fil-każ ta' l-aħħar dan ir-Regolament għandu japplika biss fejn l-operatur jista' juri għas-sodisfazzjoni tal-korp li joħroġ il-liċenza li l-liċenzi kienu mitluba bil-ħsieb ta' esportazzjoni lejn ir-Russja.

Id-deċiżjoni tal-korp li joħroġ il-liċenzi għandha tittieħed b'mod partikolari fuq id-dokumenti tal-kummerċ imsemmija fl-Artikolu 1(2) tar-REGOLAMENT (KEE) Nru 4045/89.

*Artikolu 2*

Fuq applikazzjoni ta' wieħed bil-liċenza, il-validità tal-liċenzi ta' esportazzjoni maħruġa skond ir-Regolament (KE) Nru 1372/95 u li għalihom kien applika qabel id-29 t' Awissu 1998, minbarra dawk li l-validità tagħhom skadiet qabel l-1 t' Awissu 1998, għandha tittieħed li hija mtawla b'60 ġurnata.

---

(1) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 77.
(2) ĠU L 305, tad-29.12.1995, p. 49.
(3) ĠU L 62, tas-7.3.1980, p. 5.
(4) ĠU L 199, tat-22.7.1983, p. 12.
(5) ĠU L 351, ta' l-14.12.1987, p. 1.
(6) ĠU L 80, tat-18.3.1998, p. 19.
(7) ĠU L 331, tat-2.12.1988, p. 1.
(8) ĠU L 149, ta' l-20.5.1998, p. 11.
(9) ĠU L 133, tas-17.6.1995, p. 26.
(10) ĠU L 145, tal-15.5.1998, p. 8.
(11) ĠU L 388, tat-30.12.1989, p. 18.
(12) ĠU L 338, tat-28.12.1994, p. 16.
(13) ĠU L 200, tas-16.7.1998, p. 26.

*Artikolu 3*

Iż-żidied ta' 15 u 20 % msemmija fl-Artikolu 23(1) u t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 33(1) rispettivament tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87 m'għandhomx japplikaw għal esportazzjoni magħmula taħt liċenzi li għalihom saret applikazzjoni qabel id-29 t'Awissu 1998, kemm-il darba l-formalitajiet doganali għar-rilaxx għall-konsum fil-pajjż terz ikunu tlestew wara dik id-data.

*Artikolu 4*

Fuq applikazzjoni minn esportatur u fir-rigward ta' prodoti li għalihom formalitajiet doganali ta' esportazzjoni kienu tlestew qabel id-29 t' Awissu 1998 jew li kienu saru b'xi wieħed mill-arranġamenti msemmija fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (KEE) Nru 565/80 qabel dik id-data, il-limiti ta' 60 ġurnata msemmija fl-Artikolu 30(1)(b)(i) tar-Regolament (EEC) Nru 3719/88 u fl-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 32(1) tar-Regolament (KEE) Nru No 3665/87 għandu jittieħed li hu miżjud għal 150 ġurnata.

*Artikolu 5*

Kull nhar ta' Ħamis l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet ta' prodotti affettwati matul il-ġimgħa preċedenti minn kull waħda mill-miżuri msemmija hawn fuq.

*Artikolu 6*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Huwa applikabbli mill-1 t' Awissu 1998.

Dan ir-Regolament ikun jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, id-29 t' Ottubru 1998.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*